# Il-Konti Saint-Priest, Gioacchino Navarro, u l-Ewwel Poeżiji ppubblikati bil-Malti

Mario CASSAR, MA
*Dipartiment tal-Malti, Il-Junior College ta' l-Università ta' Malta*
e-mail: mario.cassar@um.edu.mt

**Astratt:** *Il-Franċiż François-Emmanuel de Saint-Priest ġie Malta fl-1786. Hu ġabar l-impressjonijiet tiegħu fil-ktieb* Malte par un Voyageur François, *ippubblikat hawn Malta stess ħames snin wara. F'dan il-ktieb dehru l-ewwel poeżiji stampati bil-Malti, miktubin mill-Abbati Gioacchino Navarro, it-tieni biblijotekarju tal-Librerija Nazzjonali. Dawn, sewwasew, kienu għanjiet popolari li kellhom ukoll akkumpanjament mużikali. Il-fatt li kienu ppubblikati serva biex għadd ta' studjużi u viżitaturi oħra barranin aktar tard irreġistrawhom f'kitbiethom. Ix-xorti kbira li gawdew dawn il-versi umli tixhed il-qawwa ta' l-istampa.*

**Kliem muftieħ:** *Comte de Saint-Priest, Gioacchino Navarro, poeżija Maltija, għanjiet mużikali, folklor, alfabett.*

## Daħla

Kull poeżija bil-Malti li nafu biha, mill-'Kantilena' (magħrufa wkoll bħala 'Xidew il-Qada') ta' Pietru Caxaro (*c.*1450)[1] sal-versi burleski magħrufa bħala '*Copia di un Contratto di Matrimonio in lingua maltese*' (jew 'Żwieġ la Maltija'), miktuba għall-jiem tal-karnival minn Dun Feliċ Demarco fl-1760,[2] waslet għandna f'forma manuskritta.

Sa fl-aħħar, il-Franċiż François-Emmanuel de Guignard, Comte de Saint-Priest, fil-ktieb anonimu tiegħu *Malte par un Voyageur François*, ippubbblikat hawn Malta stess fl-1791, inkluda tliet poeżiji qosra bil-Malti ta' kwartina l-waħda, miktuba mill-Abbati Gioacchino Navarro, li fis-sew addatta xi għanjiet popolari li s-soltu kienu jiġu esegwiti b'akkumpanjament mużikali. Dawn il-versi, li dehru bit-titlu 'Tliet ƹanƹiet bil Malti', huma aktarx l-eqdem poeżiji stampati bil-Malti.[3]

[1] Il-poeżija, li nstabet minn Godfrey Wettinger u Mikiel Fsadni fl-1966, hija kopja li saret minn Brandano Caxaro fl-1533–6.

[2] Ara Ġużè Cassar-Pullicino, *Il-Kitba bil-Malti sa l-1870*, Malta, 2001, pp. 71–6; u Ġorġ Mifsud-Chircop, 'Lejn id-Diskursività ta' Kopjun tas-Seklu Tmintax', *Fora Melitensia*, nru 1, Malta, 2004, pp. 61–78.

[3] Ara, *Malte par un Voyageur François*, Vol. II, Paris, 1791, it-tieni stampa wara p. 116. Inċidentalment, fl-istess sena, Mikiel Anton Vassalli ppubblika f'Ruma l-*Mylsen Phoenico-Punicum sive Grammatica Melitensis.*

**Il-Konti Saint-Priest (1735–1821)**

L-istatista Comte de Saint Priest twieled Grenoble fit-12 ta' Marzu 1735. Inħatar kavallier ta' l-Ordni ta' San Ġwann meta kien għad kellu biss erba' jew ħames snin, u ta' ħmistax-il sena daħal fl-armata Franċiża. Bħala muskettier ippartecipa f'diversi kampanji militari fis-snin 1750–52 taħt il-Balliju Du Tençin. Serva fil-Ġermanja matul il-Gwerra ta' Seba' Snin, taħt il-marixxall De Bruglie, kif ukoll fil-Portugall.

Ħalla s-servizz fl-1763 bil-grad ta' kurunell, u fl-erba' snin ta' wara kien rappreżentant tal-qorti rjali Franċiża f'Lisbona. Fl-1768 intbagħat Kostantinopli, fejn baqa', għajr għal intervall qasir, sa l-1785. Iżżewweġ lil Wilhelmina von Ludolf, bint l-ambaxxatur Naplitan. Kien involut fit-Trattat ta' l-1779 li biħ it-Turkija ċediet il-Krimea f'idejn ir-Russja. Ix-xogħol tiegħu *Mémoires sur l'ambassade de France en Turquie et le commerce des Francais dans le Levant*, li jitkellem, fost ħwejjeġ oħra, fuq l-esperjenzi tiegħu tul dan il-perjodu, ma kienx ippubblikat qabel l-1877.

Wara xi xhur fil-qorti ta' l-Aja (The Hague), ingħaqad fil-gvern ta' Jacques Necker bħala ministru mingħajr portafoll. Matul it-tieni kabinett ta' Necker fl-1789, meta faqqgħet ir-Revoluzzjoni, kien segretarju tal-familja rjali u ministru ta' l-intern. Dam jokkupa din il-kariga sa l-1790 meta kien akkużat minn Mirabeau li kien qiegħed jaħdem kontra l-interessi tal-poplu. Ma jistax jonqos li bħala qaddej tar-reġim, matul ir-Revoluzzjoni, kien mibgħud min-nies, għatxana għal riformi radikali.[4] Ftit wara r-riżenja tiegħu, mar Stokkolma fejn ħatnu, Giuseppe Costantino von Ludolf, kien l-ambaxxatur Awstrijak. Fl-1795 ingħaqad ma' Louis Stanislas Xavier, Comte de Provence, ħu r-Re Lwiġi XVI, f'Verona, bħala ministru tal-familja Bourbon. Akkumpanja l-qorti rjali Franċiża fl-eżilju f'Blankenburg u Mittau, sakemm irtira fl-Isvizzera fl-1808. Għalxejn talab li jmur lura pajjiżu u spiċċa mkeċċi wkoll mill-Isvizzera fl-1811. Baqa' jdur l-Ewropa sakemm il-monarkija kienet irrestawrata fi Franza.

Sa fl-aħħar irritorna lejn pajjiżu fil-11 ta' Awissu 1814; ingħata t-titlu ta' tenent-ġeneral, qatta' l-famużi Mitt Jum ta' Napuljun Bonaparti bla inkwiet ta' xejn f'Evraux, u nħatar pari ta' Franza fl-1815. Issa kien xiħ u trux wisq biex jibqa' attiv fil-ħajja politika, u rtira f'artijietu qrib Lyon. Miet f'Saint-Priest, Vienne, fl-1821.[5]

[4] Jingħad li Saint-Priest, wara l-waqgħa tal-monarkija, kien qal lil waħda mara li talbitu xi ħaġa x'tiekol: 'Meta kien hawn re wieħed biss, kellek biżżejjed; jekk trid, mur itlob il-ħobż lill-1,200 sovran li hawn issa.' Il-memorji tiegħu dwar il-perjodu Revoluzzjunarju ġew stampati fl-1929 (ed. Calmann-Levy), u riċentement fis-sena 2006 (ed. Mercure de France). Ara wkoll *Lettres et Instruction au Comte de Saint-Priest, précédées d'une Notice par M. de Berante*, Pariġi, 1845.

[5] Din il-biografija hi msejsa fuq il-kontribuzzjoni ta' Georges Bourgin, *Enciclopedia Italiana*, (Treccani), vol. XXX, Ruma, 1949, pp. 477–8; kif ukoll fuq l-informazzjoni li dehret oriġinalment fl-*Encyclopaedia Britannica*, il-11-l edizzjoni, 1911, vol. XXIV, p. 42.

Apparti l-memorji li semmejna, kiteb ukoll *Examen des assemblées provinciales* (1787) u appuntu *Malte par un voyageur François* (1791), iddedikat lill-Gran Mastru De Rohan.[6] Dan il-ktieb ma damx ma sar wieħed mix-xogħlijiet l-aktar imfittxija mill-vjaġġaturi li kellhom ħsieb jaslu sa Malta. Saint-Priest ġie Malta fl-1786 minn Kostantinopli, hu u sejjer lejn Franza. Miegħu kellu lil martu u lil ibnu Emmanuel ta' tliet snin li, meta kiber, serva wkoll fil-korp diplomatiku Franċiż. Saint-Priest xtaq iżur il-gżira biex jara lil ħuh, Charles-Antoine, li wkoll kien kavallier ta' San Ġwann, u lill-Gran Mastru. Il-laqgħa ta' bejn Saint-Priest u De Rohan hija rreġistrata fid-dettall fl-Arkivju ta' l-Ordni.[7]

## Gioacchino Navarro (1748–1813)

Don Gioacchino Navarro kien il-kappillan konventwali ta' l-Ordni ta' San Ġwann, arkeologu, u espert ta' l-iskrizzjonijiet antiki bil-Grieg u bil-Latin. Kien jaf tajjeb ukoll bit-Taljan, bl-Għarbi, u bl-Ingliż.

Mill-1770 kien it-tieni biblijotekarju Malti wara Agius de Soldanis.[8] Il-biblijotekarji kienu jintgħażlu mill-Prijur ta' l-Ordni, appuntu minn fost il-kappillani konventwali.[9] Navarro żamm postu anki fi żmien l-okkupazzjoni Franċiża u fl-ewwel snin tal-ħakma Ingliża. Fi żmienu, sewwasew fl-1796, tlesta għal kollox il-bini tal-Biblijoteka l-ġdida, fuq pjanta mħażża mill-arkitett Stefano Ittar, minn Messina. Madankollu l-kotba u l-manuskritti ma ttiħdux hemm minnufih, hekk li fl-1798, mal-miġja ta' Napuljun f'Malta, il-Librerija Nazzjonali kienet għadha l-*Forfantone*, f'bini fejn illum Triq ir-Repubblika tilwi ma' Triq Santa Luċija. Il-Kummissarju Regnaud d'Angely kien ordna l-qirda tar-reġistri kollha tal-Kanċillerija ta' l-Ordni. B'xorti tajba, bl-intervent ta' l-*Uditore* Gaetano Bruno, dan ma seħħx, imma l-arkivju spiċċa mferrex f'diversi lokalitajiet. Kien bil-ħidma għaqlija ta'

[6] Kopja ta' dan il-ktieb tinsab fil-Librerija Nazzjonali, il-Belt Valletta [Ref. P. 126a]. Fl-1800 deħret verżjoni bit-Taljan ta' dan ix-xogħol; biex imbagħad, sena wara, deħret traduzzjoni anonima bl-Ingliż: *A Description of Malta with a Sketch of Its History*. Dan ta' l-aħħar hu probabbilment l-ewwel ktieb ippubblikat hawn Malta fi żmien il-ħakma Ingliża. Kopja tiegħu tinsab ukoll fil-Librerija Nazzjonali [Ref. BC 5 48]. L-awtur ta' dan il-ktieb ma jirriproduċix l-għanjiet imsemmija u, minflok, bħala kampjun tal-Malti kontemporanju, jagħti t-talba tal-Missierna.

[7] Ara l-artiklu ta' Carmen Depasquale, 'On the Visits to Malta of Countess Des Alleurs and of Some Ambassadors of the King of France in Constantinople', http://www.um.edu.mt/pub/cdep1.html.

[8] Il-Librerija ta' San Ġwann, inkorporata fil-knisja konventwali, kienet ilha teżisti minn ta' l-anqas sa mill-1649, iżda ma kinitx miftuħa għall-pubbliku. Fis-seklu XVIII, imbagħad, il-Balliju Fra Ludovico Guerin de Tençin irregala l-kollezzjoni kbira ta' kotba li kellu lill-Ordni bil-patt li flimkien ma' dawk fil-librerija ta' San Ġwann isiru proprjetà nazzjonali u bihom tinfetaħ biblijoteka pubblika. De Tençin, illum meqjus bħala l-veru fundatur tal-Biblijoteka, miet fl-1766 mingħajr ma laħaq ra l-ħolma tiegħu sseħħ. Kien fl-1776, fi żmien il-Gran Mastru De Rohan, li din l-intrapriża ġiet iddekretata uffiċjalment. Ara E.R. Leopardi, *Il-Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta, 1555–1955*, Malta, 1955, pp. 5–6.

[9] Ibid., p. 5.

Navarro li l-parċmini antiki, il-bolli maġisterjali, ir-reġistri tal-Kunsill, statuti qodma ta' l-Ordni, kif ukoll dokumenti imprezzabbli oħra mill-Arkivju ta' l-Università ta' l-Imdina, għaddew fil-kustodja tal-Librerija Nazzjonali.[10]

B'kollox, Navarro dam erbgħin sena sħaħ jokkupa l-kariga ta' biblijotekarju. Fi żmienu, il-kotba żdiedu bil-bosta, u kotrana kienu l-istudjużi barranin li kienu jmorru jirriċerkaw fil-post. Fi żmienu wkoll, sewwasew fl-1806, inħatar l-ewwel Kumitat tal-Librerija Rjali, taħt il-presidenza tal-Markiż Mario Testaferrata, filwaqt li ġew stampati r-*Regolamneti per la circolazione de' libri della Real Biblioteca di Malta.*[11]

Fl-1778 Navarro kiteb *Dissertazione sopra quattro bassi rilievi di marmo bianco*. Fl-1788 il-kavallier Vittore de Rohan, neputi tal-Gran Mastru, ġab miegħu minn Ateni ħames biċċiet irħam b'kitba bil-Grieg imnaqqxa fuqhom, u rregalahom lill-Gran Mastru li, min-naħa tiegħu, għaddiehom lill-Biblijoteka. Wara eżami bir-reqqa u studju assidwu, Navarro għaraf li rħama minnhom kellha xi tagħrif fuq Malta. Hu ppubblika l-konklużjonijiet tiegħu s-sena ta' wara fil-ktejjeb *Marmo Greco-Melitense, ossia interpretazione d'una inedita precevole Greca iscrizione*, opra li aktar tard ġiet imfaħħra mill-Markiż Barbaro di San Giorgio.[12]

Navarro miet sewwasew nhar l-ewwel tas-sena 1813, u ndifen fil-knisja ta' San Ġakbu. Kważi sitt snin wara, kuġintu, Vincentia Victoria Debono, għamlet irħama kommemorattiva fin-navata tas-sagristija fil-konkatidral ta' San Ġwann.[13]

## It-testi poetiċi

Hawnhekk, f'sura parallela, qed nuru l-poeżiji ta' Navarro, l-ewwel, fuq ix-xellug, eżattament kif dehru fil-ktieb ta' Saint-Priest;[14] imbagħad, fuq il-lemin, traskritti bil-Malti kontemporanju.

| | |
|---|---|
| 1. | 1. |
| Min عitma fit-tama | Min jitma fit-Tama, |
| It-tama tق arraق bieح; | It-Tama tqarraq bih; |
| Jaعmel ir-rieح fil-bomblu | Jagħmel ir-riħ fil-bomblu; |
| Jaحsep l'isiefer bieح. | Jaħseb li jsiefer bih. |

[10] Maroma Camilleri, 'The National Library of Malta's Manuscript Collection', *Celebatio Amicitiae: Essays in Honour of Giovanni Bonello*, (edi M. Camilleri & T. Vella), Fondazzjoni Patrimonju Malti, Malta, 2006, p. 46. It-trasferiment tal-Biblijoteka fil-post fejn qiegħda llum, finalment sar fl-1811, fi żmien il-Gvernatur Hildebrand Oakes, u kienet inawgurata uffiċjalment fl-4 ta' Ġunju 1812.

[11] Leopardi, *op. cit.*, pp. 9–10.

[12] Ara Ġan Anton Vassallo, 'Biografia', *L'Arte*, IV, nru 88, Malta, 1866, pp. 2–4; u Robbie Mifsud Bonnici, *Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku*, Dipartiment ta' l-Informazzjoni, Malta, 1960, pp. 380–1.

[13] Vassallo, *op, cit.*, p. 2.

[14] François-Emmanuel de Guignard, Comte de Saint-Priest, *Malte par un Voyageur François*, Malta, 1791, p. 113. B'mod żbaljat, xi wħud sostnew li dan il-ktieb kien mitbugħ f'Pariġi; imma filfatt nafu li kien ippubblikat lokalment mill-istess dokumenti ta' l-istamperija ta' l-Ordni.

2.
Smait l'inti tarbīt l-imحabba:
عeidli fl'imحabba شi جralek?
eja tحaddet عommok miعei,
عaش naحseb liena جrali pحalek.

3.
عadira li tiشrop minnحa,
Nitolbok lad-dardarحieش,
عaش imūr zmjēn, u iجi jeحor
Tfittiشحa, mas-sibحieش.

2.
Smajt l'inti tarbit l-Imħabba;
Għidli fl-Imħabba xi ġralek?
Ejja tħaddet għommtok miegħi,
Għax naħseb l'jien ġrali bħalek.

3.
Għadira li tixrob minnha
Nitolbok la ddardarhiex.
Għax imur żmien u jiġi ieħor;
Tfittixha u ma ssibhiex.

Saint-Priest jipprovdi wkoll verżjoni Franċiża ta' l-istess għanjiet:[15]

1.
Celui qui s'abondonne trop à l'espérance
Sera trompé dans ce qu'il espère.
Il enferme un peu de vent dans une bouteille,
Croyant qu'il suffira pour enfler des voiles.

2.
Ecoute, toi qui fus éduqué par l'amour,
Dis-moi, que t'est-il arrivé en aimant?
Ouvres-moi ton coeur oppressé je t'en prie,
Car je crois qu'il m'arrive ce que tu as éprouvé.

3.
L'eau de cet étang vient de te désalterer;
Ne la trouble pas je t'en conjure!
Le besoin cesse mais quelquesfois il renaît . . .
Il faut que dans l'occasion tu puisses encore étancher ta soif.

Fl-1804, imbagħad, Louis de Boisgelin irriproduċa dawn l-għanjiet eżattament kif dehru fil-ktieb ta' Saint-Priest, imma magħhom żied traduzzjoni libera bl-Ingliż.[16]

[15] Saint-Priest, *op. cit.*, p. 64. Il-poeżiji bil-Franċiż huma traskritti b'xi tibdiliet żgħar, skond ir-regoli ortografiċi ta' llum. L-istess versi bil-Franċiż huma riprodotti fedelment fil-ktieb ta' M. Miège, *Histoire de Malte*, vol. 1, Pariġi, 1840, p. 176.
[16] Louis de Boisgelin, *Ancient and Modern Malta*, vol. 1, Londra, 1804, p. 99.



*Ritratt ta' Comte de Saint-Priest, xogħol Louis-Jules Banderon (1842), Versailles, Pariġi*



L'ARTE 3

ABATE GIOACCHINO NAVARRO

*Impressjoni artistika ta' l-Abbati Gioacchino Navarro* (L'Arte, *vol. 8, nru 88, 1866)*

1.
He who too far indulges hope,
Will find how soon hope fails;
He's like a seaman bottling wind,
In hopes to fill his sails.

2.
Thou who by sad experience know'st
How sure Love's arrows fly,
Say, what's the smart? for well I ween,
What thou hast felt, feel I.

3.
Ah! trouble not this fountain's source,
Which late thy thirst appeased; –
That thirst with which the passing hour
Again may see thee siez'd.

Ħasra li Saint-Priest ma jipprovdix il-melodija ta' dawn l-għanjiet. Wara kollox, ma jidhirx li kellu xi interess partikulari fl-aspett mużikali; ried biss jagħti kampjun tal-Malti użat f'dak iż-żmien. Madankollu, fl-1822, niżel Malta minn Sqallija l-kittieb erudit Gustav Parthey. Hu dam hawn Malta bejn Lulju u Settembru, qabel ma rħielha lejn Lixandra. Parthey ppubblika l-memorji tal-vjaġġi tiegħu, *Wanderungen durch Sicilien und die Levante*, f'żewġ volumi f'Berlin (1834 u 1840).[17] B'xi mod Parthey sema' bl-għanjiet li ddokumenta Saint-Priest u, apparti li xandar it-test ta' tnejn minnhom, sewwasew l-ewwel u t-tielet kwartini, żied ukoll in-noti mużikali fl-appendiċi ta' l-ewwel volum tiegħu. Billi niżżilhom bit-Taljan, bilfors li qabbad lil xi ħadd ieħor biex jaqlibhomlu mill-Malti. Parthey sejjaħ il-melodija li fuqha jitgħannew dawn iż-żewġ poeżiji *Canzonetta Maltese* u inkludieha qalb ġabra ta' melodiji oħra Taljani u Sqallin ta' żmienu. Dan hu t-test Taljan (mingħajr punteġġjatura) li għal darba oħra jixhed traduzzjoni libera:[18]

[17] Kopja ta' dawn iż-żewġ volumi tinsab fil-Librerija Nazzjonali ta' Malta [Ref. BN a-61]. Il-partijiet dwar il-mawra ta' Parthey f'Malta jidhru f'pp. 348–412. Ix-xogħol tiegħu hu msemmi wkoll minn Paolo Emilio Carpezza, *Antichità Etnomusicali Siciliane*, Archivio delle tradizioni popolari siciliane, Palermo, 1977, p. 7.

[18] Dan it-tagħrif fuq Parthey hu msejjes fuq ir-riċerka ta' Anna Borg Cardona, 'Tliet Għanjiet Antiki Maltin', *L-Imnara*, Għaqda tal-Folklor, vol. 7, nri 2–3, harġa 27, Malta, 2003, pp. 72–5. Il-melodija nnifisha tista' tinstema' fuq is-CD 'Doqqli Daqqa! Traditional Music of the Maltese Islands' (2005) tal-Ġukulari Ensemble, proġett mużikali ta' l-istess Borg Cardona.

1.

Chi nella speranza spera
la speranza lo delude
soffia forte nel bucile
spero di partir con esso

3.

Che bell'acqua d'esto [di questo] fonte
non turbarla te ne prego
cessa la sete e rinasce
tornerai a ber del fonte

Fl-istudju tiegħu 'Il dialetto maltese', Luigi Bonelli jerġa' jagħti t-tliet għanjiet Maltin b'alfabett fonetiku li ħoloq hu stess, filwaqt li jipprovdi traduzzjoni ġdida bit-Taljan, differenti minn dik li dehret fil-ktieb ta' Parthey.[19]

| | |
|---|---|
| 1. | 1. |
| mīn jytma fyt-tama<br>yt-tama tqarraq bī$^{e}$h<br>ja'mel yr-rī$^{e}$h fyl bomblu<br>jaẖsep ys$^{i}$ēfer bī$^{e}$ẖ | chi confida nella speranza<br>la speranza lo gabberà<br>[è come chi] ponga del vento in una bombola<br>e si imagini di viaggiare con questa. |
| 2. | 2. |
| smajt l-ynti ta 'rbīt l'ymẖabba<br>'eidli fl-ymẖabba šy ġrālek<br>eija tẖaddet 'ommok mī'ei<br>'aš naẖsep l-jēna ġrāli phālek | ho udito che tu fosti prigioniero (?) d'amore<br>dimmi nell'amore che ti è avvenuto<br>orsù raccontami del tuo affanno<br>poichè penso che a me è avvenuto come a te. |
| 3. | 3. |
| 'adīra li tyšrop mynna<br>nytolbok ma 'ddardar$^{i}$ēš<br>'aš ymūr żmēn u jyġi ī$^{e}$ẖor<br>tfyttiša ma 'ssib$^{i}$ēš. | il fosso dal quale tu bevi<br>ti prego non intorbidarlo<br>poichè passerà un tempo e ne verrà un altro<br>lo cercherai e non lo troverai. |

[19] Luigi Bonelli, 'Il dialetto maltese', *Supplementi Periodici all'Archivio Glottologico Italiano*, Dispensa VI – Testi, Turin, 1897, pp. 41–2. Bonelli kien intbagħat Malta fl-1894 mill-Istitut Orjentali ta' l-Università ta' Napli biex jistudja l-Malti.

Verżjoni ftit differenti ta' l-ewwel kwartina kienet irreġistrata mill-folklorista Tedeska Bertha Ilg fil-bidu tas-seklu XX. Madankollu, din ma ġietx stampata qabel l-1962, bi traduzzjoni Ingliża ta' Ġużè Cassar-Pullicino.[20]

| 1. | 1. |
|---|---|
| Iblah min itemm fit-tama | He's a fool who hopes against hope, |
| It-tama tqarraq bih; | For hope plays him false; |
| Bħalli jimla r-riħ fil-bomblu, | Like one who collects wind in a pitcher |
| U jrid isiefer bih. | And wants to sail away with it. |

Fl-aħħarnett, irridu ngħidu li l-aħħar strofa, mid-dehra, baqgħet titgħanna lokalment, b'varjazzjoniet żgħar, minn ta' l-anqas sa nofs is-seklu XX. Cassar-Pullicino ġabar din il-verżjoni minn Ħal Tarxien u, għal darba oħra, ipprovda traduzzjoni tagħha bl-Ingliż:[21]

| 3. | 3. |
|---|---|
| Dik l-għajn li tixrob minnha | The spring that you drink from |
| Nitolbok la ddardarhiex; | Pray, do not pollute it; |
| Jiġi żmien u jgħaddi ieħor, | A time will come, and a time will pass |
| Int tfittixha u ma ssibhiex. | You'll look for it – you won't find it. |

**Osservazzjonijiet stilistiċi u prosodiċi**

L-ewwel poeżiji bil-Malti li qatt ġew stampati kienu dawn it-tliet għanjiet popolari li lejn tmiem is-seklu dsatax diġà kienu meqjusin 'antiki'. Għalhekk, m'humiex xogħlijiet oriġinali ta' Navarro; hu ħażżeż biss xi taqbiliet ħfief li kien jisma' fuq fomm il-poplu. Saint-Priest, apparti minn hekk, jiddeskrivi l-kompożizzjonijiet Maltin bħala imitazzjonijiet fjakki tat-Taljan, mingħajr wisq oriġinalità fl-istil, u mingħajr kulur fl-espressjoni.[22] Min jaqra l-verżjoni Franċiża ta' dawn il-poeżiji mill-ewwel jintebaħ li hi ferm aktar rikka fix-xbihat u aktar mirquma mil-lat tekniku. It-test Malti hu relattivamnet dgħajjef u nieqes min dak l-estru poetiku li jistgħu jagħtuh validità letterarja. Dun Karm Psaila jikteb: 'Għalkemm mimlijin bil-għerf

[20] Fis-snin 1906–7 Ilg (aktar tard Koessler-Ilg) ġabret numru kbir ta' għanjiet popolari Maltin (madwar 400) li eventwalment dehru fil-volum *Maltesische Volkslieder* (mitbugħ Leipzig, 1909), b'introduzzjoni kritika ta' Hans Stumme. Sakemm telqet minn Malta fl-1912, Ilg laħqet ikkompilat għadd ġmielu ta' kwartini oħra li għal ħafna żmien baqgħu manuskritti. Sa fl-aħħar raw id-dawl bl-inizjattiva ta' Ġużè Cassar-Pullicino. Ara '200 Maltese Folk-Songs', *Maltese Folklore Review*, vol. 1, nru 1, Malta, 1962, pp. 8–39. Il-kwartina li tikkonċernana tidher f'p. 39; Cassar-Pullicino jinkludiha appuntu fl-aħħar taqsima ġenerika intitolata 'Filosofija Prattika'.

[21] Ġużè Cassar-Pullicino u Charles Camilleri, *Maltese Oral Poetry*, Malta, 1998, p. 32.

[22] Saint-Priest, *op. cit.*, p. 65.

li jiġi mit-tiġrib tad-dinja, poeżija kbira ma fihomx dawn l-għanjiet. Iżda l-awtur tal-ktieb għamel sewwa li ġabrilna dawn l-għanjiet li fi żmienu kienu diġà qodma bil-bosta'.[23]

Psaila ġibdilna l-attenzjoni wkoll fuq il-versifikazzjoni devjanti tat-tieni kwartina. L-aċċenti primarji fil-vers ottonarju s-soltu jaqgħu fuq it-tielet u s-seba' sillabi, skond it-tradizzjoni Taljana; u hekk jiġri fit-tielet vers. Mill-bqija, fl-ewwel, it-tieni, u r-raba' versi, l-aċċenti jaqgħu fuq l-ewwel, ir-raba', u s-seba' sillabi, jiġifieri:

2.
Smàjt l'inti tàrbit l-imħàbba
Għìdli fl-imħàbba xi ġràlek
Ejja tħàddet għommtok miègħi
Għàx nibża' l'jièn ġrali bħàlek.

Hekk, dawn it-tliet versi huma mfasslin bħall-versi tad-disgħa, neqsin mill-ewwel sillaba, sewwsew kif il-versi tad-disgħa huma maħdumin fuq dawk ta' l-għaxra, neqsin ukoll mill-ewwel sillaba.[24]

Ir-rima fit-testi Maltin hija a-b-ċ-b li tirrepeti l-mudell l-aktar komuni fl-għana Malti. Madankollu ninnutaw li fl-ewwel strofa Navarro jirrikorri għar-rima ekwivoka, billi t-tieni u r-raba' versi jispiċċaw it-tnejn bl-istess kelma, 'bih'. Dan ikompli jikkonferma l-kreattività limitata ta' l-awtur.

Minkejja dan, Oliver Friggieri jisħaq li dawn it-tliet kwartini jippreżentaw lil Navarro bħala bniedem kolt skond ix-xejriet kontemporanji:

> L-awtur kitibhom biex jagħti lil Saint-Priest xi eżemplari tal-poeżija lokali ta' dak iż-żmien, iżda fil-fatt m'humiex għajr kompromess bejn il-letterat u l-popolin imfawwar b'sentiment ta' mħabba. [Dawn l-għanjiet] jiftħu bil-personifikazzjoni ta' kwalità morali, it-tama. It-tieni kwartina tiżvolġi ruħha bis-saħħa ta' l-interrogazzjoni; il-kelliem jistieden lill-persuna l-oħra biex terħi ruħha f'idejh għax id-destin tagħhom it-tnejn huwa wieħed. It-tielet waħda tfittex bis-saħħa ta' żewġt iqwiel tfisser riflessjoni fuq iċ-ċokon u l-għeluq tal-ħajja umana u fuq il-ħarba taż-żmien.[25]

Fl-ewwel kwartina tolqtok l-aktar il-kelma 'jitma', li llum tingħad 'jittama'. Residwu ta' dan il-varjant jinsab fl-Attijiet iż-Żgħar: 'Mulejja nitma fik, kollok ħniena'.[26] L-ewwel żewġ versi jfakkruk fil-qawl: 'Min jgħix bit-tama jmut bil-piena'.

[23] Karm Psaila, 'Il-Għanja Maltija', *Antoloġija ta' Proża Maltija*, vol. 1 (ed. J. Aquilina), Malta, 1980, p. 105.
[24] Ibid., pp. 105–6. Ara wkoll 'Taħdita fuq il-Poeżija Maltija' ta' l-istess awtur, fl-istess antoloġija, pp. 93–5.
[25] Oliver Friggieri, *L-Istorja tal-Poeżija Maltija*, Malta, 2001, pp. 15–6.
[26] Ara Francesco Wizzino, *Tagħlim Nisrani*, Ruma, 1752, p. 119.

Fit-tieni strofa tispikka l-espressjoni 'tarbit l-imħabba'. Erin Serracino-Inglott jgħid li l-kelma 'tarbit' hi għamla oħra ta' 'tirbit', u jispjega l-idjoma bħala 'il-għaqda ta' l-imħabba li torbot flimkien lill-miżżewġin, eċċ.'[27] Fl-istess strofa tolqtok ukoll il-kelma 'għomm[t]ok'. Il-lessikografu jfissirha bħala 'kull tiġriba materjali jew morali, li ġġib diqa kbira' u, fost is-sinonimi, jagħti 'inkwiet', 'tħassib', 'dwejjaq', 'niket', u 'dulur'.[28] Fl-aħħar kwartina Navarro jalludi għall-qawl popolari 'La ddardarx l-għajn li trid tixrob minnha'. Ġużè Aquilina jagħti l-varjant: 'Għajn li trid tixrob minnha la ddarḋarhiex', li sintattikamnet u semantikamnet jaqbel ħafna mal-proverbju Sqalli '*La funtana unni si vivi, mai s'allurda*'.[29] Dan il-qawl semmieh ukoll Vassalli: '∩ajn li tyɰrob mynnha, la yddardarhŷɰ (*Fonte dalla quale tu bevi, non intorbidarla*)'.[30]

## X'jgħid Saint-Priest fuq il-Malti

Saint-Priest ġabar ħafna informazzjoni fuq l-istorja, id-drawwiet, u l-folklor ta' pajjiżna. Fost ħwejjeġ oħra jsemmi li kien impressjonat bl-imħabba kbira li kellhom il-Maltin għall-poeżija. Jispekula, mingħajr xhieda konkreta, li l-ħajra u l-imħabba għall-poeżija aktarx tnisslet fil-poplu Malti mill-Griegi, u li l-Għarab imbagħad taw lill-għanja popolari lokali l-ilwien orjentali u l-kisriet tal-leħen hekk sbieħ li għadhom evidenti sa llum. Jgħidilna wkoll li f'dak iż-żmien in-nies tal-gżira kienu jgħannu dawn il-versi akkumpanjati minn sura ta' vjolin jew lira.

Saint-Priest jiddeskrivi l-Malti bħala *patois* (speċi ta' djalett) aktar milli lingwa fil-veru sens tal-kelma. Jikkritika bil-qawwa kollha t-teorija ta' l-Abbati A. li l-Malti hu ta' nisel Puniku. Skond Saint-Priest din m'hix għajr fantasija msejsa fuq kriterji dgħajfa u argumenti bla bażi.[31]

Min kien dan l-Abbati A. ma nistgħux inkunu żguri, iżda probabbilment kien il-difensur ewlieni tat-teorija Punika, jiġifieri l-Kanonku Ġan Franġisk Agius de

[27] Erin Serracino-Inglott, *Il-Miklem Malti*, vol. VIII, Malta, 1984, *sub* 'tirbit'.

[28] Serracino-Inglott, *op. cit.*, vol. III, Malta, 1976, *sub* 'għomma'.

[29] Joseph Aquilina, *A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs*, L-Università ta' Malta, Malta, 1986, p. 259. L-awtur jagħti wkoll diversi qwiel Ewropej oħra li jidwu ftit jew wisq l-istess sens.

[30] Mikiel Anton Vassalli, *Motti, Aforismi e Proverbii Maltesi*, Malta, 1826, p. 9.

[31] Saint-Priest, *op. cit.*, p. 61. Jidher ċar li sa mill-bidu, kien hawn konfużjoni kbira dwar in-nisel tal-Malti; għal bosta snin ħafna studjużi, kemm Maltin kif ukoll barranin, ħasbu li l-Malti hu filfatt il-fdal ta' l-ilsien Puniku. Sa minn kitbiet qodma bħal dawk ta' Quintinus (1536), Tebaldi (1565), Porcacchi (1572), Megiser (1603–6), Niderstadt (1660), Maius (1718), u Vassalli (1791), sa fehmiet aktar riċenti bħal dawk ta' Annibale Preca u Anton Manwel Caruana, tferrxet l-idea li l-Malti tnissel minn din il-lingwa antika, illum estinta.

Din it-teorija ġiet miċħuda minn studjużi oħra, fosthom Ġan Franġisk Abela (1647), il-Konti Giovanni Ciantar f'nofs is-seklu tmintax, l-Isvediż Jakob Jonas Björnstahl (1777), u l-Franċiż Antoine Court de Gébelin (1777–82). Il-kliem kollu fil-Malti li jixbah lill-Puniku jeżisti wkoll fl-Gharbi. L-istudjużi wrewna li fil-Malti modern m'hemmx traċċi ta' Puniku; għalhekk, din it-teorija llum hija mgiddba, u nistgħu ngħidu li l-element Semitiku ta' lsienna hu fil-parti l-kbira ta' nisel Gharbi. Fuq din il-kontroversja ara Thomas Freller, 'Il-Malti *Lingua Punica* jew *Lingua Arabica*?' (trad. Achille Mizzi), *Il-Malti*, I/LXXII, Malta, Ott. 1998, pp. 1–5.

Soldanis (1712–70). Fl-1750, f'Ruma, De Soldanis ippubblika l-volum *Della lingua Punica presentamente usata da' Maltesi* li kien jinkludi *Nuova Scuola di Grammatica per agevolmente apprendere la lingua Punica-Maltese*, filwaqt li madwar l-1754 ħadem fuq dizzjunarju tal-Malti li baqa' manuskritt: 'Damma tal Kliem Kartaginis mscerred fel fom tal Maltin u Ghaucin' (4 volumi). Lejn nofs is-seklu tmintax, imbagħad, Agius de Soldanis kiteb ukoll it-tieni edizzjoni tal-grammatika, *Nuova Scuola dell'antica lingua Punica scoperta nel moderno parlare Maltese e Gozitano.*

Saint-Priest ikompli jgħid li minkejja l-pronunzja Għarbija, in-nies tal-gżira ilhom li qatgħu kull kuntatt ma' l-Għarab, u għalhekk tilfu l-konoxxenza ta' kitbithom, li probabbilment kienet taqdihom qabel. L-awtur jiddeplora l-fatt li l-Malti m'għandux alfabett standardizzat, hekk li kulħadd jiktbu kif ifettillu. Kull min jipprova, juża sistema li jidhirlu li toqrob l-aktar lejn il-pronunzja eżatta, anki jekk jeħtieġlu jżid ittri ġodda. Dan l-inkonvenjent ma jinħassx daqstant għax l-użu tal-Malti hu ristrett għal din il-gżira ċkejkna, fejn rari tinħass il-ħtieġa li jinkiteb. Minkejja dan, Saint-Priest jirrikkmanda li xi ħadd jieħu ħsieb jelimina kull inċertezza ortografika billi jistabbilixxi alfabett ikkodifikat.[32]

Saint-Priest ifisser kif Navarro, biex jakkomoda lil min m'hux daqstant familjari mal-kitba Għarbija, għażel li jikteb l-għanjiet tiegħu b'alfabett imħallat li jinkludi tnax-il ittra Għarbija, b'żieda ta' ittri oħra mit-Taljan. Għall-awtur dan kien l-aħjar kompromess possibbli fost it-tentattivi l-oħra li kienu saru sa dakinhar.[33]

[32] Saint-Priest, *op. cit.*, pp. 62–3. Imxerrdin 'l hawn u 'l hinn fil-ktieb ta' Saint-Priest, niltaqgħu ma' xi kelmiet oħra bil-Malti, fosthom: *kmis* ('qmis'), *i-deil* ('dejl'), *gkeʃwira* ('geżwira'), *gilek* ('ġlekk'), *sidria* ('sidrija'), *korch* ('qorq'), *haddara* ('ħaddara'), *neuieha* ('newwieħa'), *silla*, *tikbir* (< *kabbar*), *cucciha* ('quċċija'), *hargia* ('ħarġa'), u *rahal* ('raħal'). Interessanti wkoll il-mod kif l-awtur kiteb ċerti toponimi bħal: *Uyed el osel* (Wied il-Għasel), *Uyed el dis* (Wied id-Dis), *ta ben gemma* (Ta' Binġemma), *El Mitarfa* (L-Imtarfa), *Qerqop* (Ħal Kirkop), *Saakaya* (Is-Saqqajja), *Benhisa* (Bingħisa), *Marsa muscet* (Marsamxett), *Ghargul* (Il-Għargħur), u *Zorrick* (Iż-Żurrieq).

[33] Saint-Priest, *op. cit.*, p. 63. Kien hemm diversi kittieba oħra li f'xogħolhom daħħlu karattri Għarab, flimkien ma' dawk Latini, fosthom Dun Ġwann Cachia, li kien jikkorrispondi mal-ħabib tiegħu Agius de Soldanis (1749); Giuseppe Maria Cannolo, f'*Il-Vanġelu ta' San Ġwann*, mitbugħ mill-Bible Society in Malta, Malta, 1822; u Francesco Vella, fl-ewwel ktieb sħiħ bil-Malti, *Ctieb-ilkari yau dahla ꝣal ilsien Malti*, ippubblikat f'Livorno b'kollaborazzjoni ma' Giuseppe Montebello Pulis (1824).

L-akbar estremista kien Mons. Giovanni Giuseppe Bellanti li fix-xogħol *Avvertimenti per la ristorazione della lingua maltese* (1829) saħaq li l-Malti għandu jinkiteb kollu kemm hu bl-alfabett Għarbi. B'riżultat tal-Kummissjoni Rjali ta' l-1836, deher il-ktieb *English and Maltese Reading Book for the Use of Government Primary Schools* (1839), aktarx xogħol Annetto Casolani. Il-partijiet bil-Malti dehru wkoll b'alfabett imħallat; din kienet aktarx ir-raġuni għala l-ewwel tentattiv biex il-Malti jikseb postu fil-klassi falla.

L-idea tat-taħlit ta' alfabett Għarbi-Ruman sabet oppożizzjoni kbira. Fil-fatt kien hemm ħafna oħrajn li riedu jużaw karattrri Rumani biss, fosthom Francesco Vella (li eventwalment biddel fehemtu), Salvatore Cumbo, u l-Kanonku Fortunato Panzavecchia. Fuq dan is-suġġett ara Arnold Cassola, 'A Mixed Ortography of the Maltese Language: The Latin-Arabic Alphabet', *Collegium Melitense Quatercentenary Celebrations (1592–1992): Collected Papers*, (edi R. Ellul Micallef & S. Fiorini), L-Università ta' Malta, Malta, 1992, pp. 203–219.

Fit-test ta' Navarro jidhru biss ħames grafemi Għarab: il-ħā (ح), fi kliem bħal 'riħ', 'imħabba', 'tħaddet', 'naħseb', 'bħalek', u 'ieħor'; il-ġīm (ج) fi kliem bħal 'ġrali', 'ġralek', u 'jiġi'; ix-xīn (ش), fi kliem bħal 'għax', 'tixrob', u 'tfittixha'; l-għajn (ع), fi kliem bħal 'jagħmel', 'għidli', 'għomm[t]ok', 'miegħi', u 'għadira'; u l-qāf (ق), fil-kelma 'tqarraq'. Navarro juża l-ħā wkoll flok l-akka, fil-kliem 'bih', 'minnha', 'ddardarhiex', tfittixha', u 'ssibhiex'. Ma nistax nara għala uża l-għajn fil-kelma 'jitma', sakemm din m'hix grafema differenti. Meta Saint-Priest semma tnax-il ittra Għarbija, kien sintendi qed jinkludi wkoll dawk il-ħsejjes Semitiċi li fit-test ġew irrealizzati bi grafemi Latini, fuq il-mudell Taljan.

**Ħajr:** *Nixtieq nirringrazzja lil Dr William Zammit tal-pariri siewja tiegħu u lis-Sur Olvin Vella li ssuġġerieli xi referenzi tassew utli.*

**Abstract:** *The French statesman François-Emmanuel de Saint-Priest visited Malta in 1786. He recollected his impressions of the island in the volume* Malte par un Voyageur François, *published in Malta five years later. This book included the first printed poems in Maltese, written by Gioacchino Navarro, the second librarian of the National Library. Truly, these were nothing but the lyrics of known folk songs. The publication of these humble verses enticed other foreign scholars and visitors to include them in later studies. Their great fortune provides ample proof of the power of the press.*